**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 4/2011 AL

A B [ID 357982(M)] f'isimha *proprio* u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri L D nominata b'digriet tat-18 ta' Jannar 2011

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali (inkartament anness Dok A).

2. Illi l-kontendenti huma l-genituri tal-minuri L D li twieled fl-10 ta' Mejju 2000 (certifikat tat-twelid anness Dok B). Il-kontendenti m'humiex mizzewgin u ma jghixux flimkien.

3. Illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Jannar 2010 (annessa mal-inkartamdent tal-ghajnuna legali Dok A) l-esponenti giet fdata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri L.

4. Illi l-intimat qatt ma hallas manteniment ghal ibnu minuri fuq imsemmi u mhux qed ihallas ebda manteniment.

5. Illi l-esponenti gja pprocediet bil-proceduta ta' medjazzjoni li ma tat ebda frott u giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Novembru 2010 (Dok C).

6. Illi l-esponenti ma tahdimx u m'ghandha ebda dhul, filwaqt li l-intimat jahdem bhala *sprayer* ghal rasu.

7. Illi skond il-ligi l-intimat ghandu l-obbligu li jmantni skond il-mezzi tieghu lill-ibnu minuri.

8. Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas jew ikkontribwixxa ebda manteniment ghall-istess minuri.

9. Illi l-intimat interpellat biex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri inkluz l-arretrati tal-istess baqa inadempjenti.

10. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi :

**1.** TIDDIKJARA li l-intimat bhala missier il-minuri L ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka l-istess tifel minuri tieghu u dana b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

**2.** TILLIKWIDA, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri L inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li TISTABILIXXI wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.

**3.** TORDNA u TIKKUNDANNA lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u TORDNA illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga ossia introjtu tal-intimat mill-impjieg/xoghol tieghu.

BL-ISPEJJEZ kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fo. 23)

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li skont sentenza ta' din il-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet A B pro et noe vs C D (Citazzjoni Numru 20/05 NC) deciza fit-28 ta' Jannar 2010 (Dok B anness mar-rikors guramentat promotur) fuq talba tar-rikorrenti A B, l-esponent gie zvestit mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti ghal arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-minur L hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi minghajr prgudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent kien gie eskluz mill-hajja tal-minuri mir-rikorrenti wara li spiccat ir-relazzjoni tal-partijiet u cioe' meta l-minuri kien ghad kellu sena u nofs;

4. Illi l-unika azzjoni li ttentat ir-rikorrenti kienet li teskludi lill-esponent mill-hajja ta' ibnu l-minuri, u f'ebda stadju qabel ma nbdew il-proceduri odjerni ipproponiet azzjoni sabiex titlob manteniment ghal minuri;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-introjtu tal-esponent huwa limitat kif jista' jigi provat fit-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi l-esponenti qed jopponi ghal ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti li ġew miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi *pendente lite* il-kwistjoni tal-manteniment hija regolata permezz tad-digriet tal-14 ta' Ġunju 2011, fejn il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas manteniment ta' €200 fix-xahar bħala manteniment għal ibnu minuri[1];

Rat illi l-kwistjoni tal-paternita` tal-minuri L D u kwalsiasi dubju li seta kien hemm jekk il-konvenut effettivament huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tiegħu, ġew indirizzati fi proċeduri appożiti fl-ismijiet C D vs. A B et. (Rikors Ġuramentat 238/11AL)[2] fejn wara li saru t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi ġie kkonfermat illi l-missier bijoloġiku tal-minuri huwa tabilħaqq il-konvenut.

Rat illi l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri ġiet regolata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet A B pro. et noe. vs. C D[3].

---

[1] Fol.35

[2] Kawża deċiża fit-12 ta' Frar 2013

[3] Rikors Ġuramentat 20/2005NC, deċiża fit-28 ta' Jannar 2010, fol. 9.

Rat illi l-kawża odjerna ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b'dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ippreżentata mill-abbli difensur tal-attriċi;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat iħallasha manteniment adegwat għall-minuri, kif ukoll arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

Jiġi rilevat illi L D twieled fl-10 ta' Mejju tas-sena 2000[4] u għalhekk fi ftit xhur isir maġġorenni.

Illi l-kontestazzjoni tal-intimat hija bbażata fuq żewġ kawżali:
l-ewwel, illi ladarba huwa żvestit mill-jeddijiet kollha ta' missier, huwa m'għandux imantni lil ibnu;
it-tieni, li l-azzjoni tal-attriċi hija preskritta fit-termini tal-Artikolu 2156(b).

Jirriżulta mhux ikkontestat illi l-konvenut mantna lil ibnu sakemm dana kellu sena u erba' xhur, meta imbagħad irriżultaw argumenti serji bejn il-konvenut u l-attriċi kif ukoll familjari tagħha, partikolarment ommha[5], fejn il-konvenut iddeċieda li jissevera kull kuntatt mal-attriċi u ma' ibnu u qata' kull tip ta' manteniment.

Jirriżulta wkoll mhux ikkontestat illi l-konvenut ħallas regolarment u puntwalment il-manteniment ordnat minn din il-Qorti permezz tad-digriet tal-14 ta' Ġunju 2011, appena ċċitat.

---

[4] Ċertifikat tat-twelid relattiv, fol. 13.

[5] Li wasslu saħansitra għall-proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut u s-sejba ta' ħtija tiegħu, ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ddatata il-25 ta' Marzu 2011, fol. 285.

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili[6] li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

[6] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

Il-Qorti tikkunsidra illi l-minuri, mit-twelid, dejjem ġie kkurat minn ommu l-attriċi. Ir-responsabilita` għall-għixien u t-trobbija tiegħu dejjem waqgħet fuqha, anke jekk inizjalment il-konvenut kien jikkontribwixxi materjalment għal ibnu.

Dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irritjeniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Dana jfisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Lanqas m'huwa marbut b'xi mod marbut mas-setgħa ta' ġenitur li jkollu l-ġenitur partikolari, jew mal-jeddijiet tiegħu t'aċċess. Fil-fatt, fi kwalunkwe każ fejn wieħed mill-ġenituri ġie żvestit mill-jeddijiet tiegħu fil-konfront ta' ibnu/bintu, qatt ma ġie, bħala konsegwenza, estint l-obbligu tal-istess ġenitur li jmantni lill-wild materjalment.

Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawża Marcon Camilleri vs. Gianluca Torres[7]: "*Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat."*

Illi għalhekk, il-Qorti tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhux biss assurda għax infondata fid-dritt u għalhekk legalment insostenibbli, iżda wkoll perikoluża. Illi l-Qorti tirrileva illi l-konvenut ġie żvestit mis-setgħat tiegħu ta' missier wara li huwa stqarr mal-Avukat tat-Tfal *"Hu qalli b'mod ċar ħafna illi ma*

[7] Rikors Ġuramentat: 267/15AL, deċiża fis-27 t'April 2017.

*jixtieqx jara lil ibnu, ma jridx ikollu x'jaqsam kemm ma' Leon u kemm ma' ommu, u li ma jridx li jkollu kuntatt fil-futur magħhom."*[8] Illi l-Qorti ma tixtieqx tibgħat il-messaġġ li huwa faċli li ġenitur iwaqqaf l-obbligu tiegħu li jrabbi lil uliedu, billi sempliċiment jitlob li ma jkollux is-setgħa ta' ġenitur. Waħda ċertament m'hijiex konsegwenza awtomatika tal-oħra. Kieku dana kien il-każ, il-konvenut ikun qed jivvantaġġja ruħu min-nuqqas tiegħu li jieħu ħsieb lil ibnu emottivament, billi jonqos li jieħu ħsiebu wkoll materjalment. Il-Qorti ma tista' qatt tagħti piż lil argument fallaċi bħal dan u għaldaqstant qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut b'mod kategoriku. L-irresponsabilita` ta' ġenitur, li saħansitra jasal biex jiċħad lill-wild tiegħu stess, kif għamel il-konvenut, ma tista' qatt tfisser li tali ġenitur jiġi eżonerat mill-obbligu inerenti li jmantni lil uliedu.

Illi l-Qorti tiddeplora l-aġir tal-konvenut illi jistqarr li jippreferi li jara lil ibnu jitrabba mal-majjali, filwaqt li huwa jmantni lil ulied ħaddieħor[9]. Filwaqt illi tifhem li l-konvenut sofra weġgħat konsiderevoli mill-omm, ossia l-attriċi, il-minuri minn dejjem kien u jibqa' ibnu u demmu, u indipendenti minn kwalsiasi aġir malizzjuż ta' ommu. X'seta' għamel il-minuri ta' sena u erba' xhur li jimmerita li jitlef l-imħabba, l-attenzjoni u l-kura ta' missieru? M'hemmx dubju li l-konvenut għad jiddispjaċih illi ssevera l-kuntatt ma' ibnu, iżda fil-frattemp il-Qorti tinnota bi pjaċir illi l-minuri li issa kiber sewwa, xi drabi jmur il-garaxx ta' missieru u tittama li għad terġa tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben.

Dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut ossia li l-azzjoni tal-attriċi hija preskritta fit-termini tal-Artikolu 2156(b), il-Qorti rat illi l-artikolu ċċitat jistipula:

***"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:***

***...***

***(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;"***

---

[8] Kif jirriżulta mis-sentenza relattiva għall-kura u l-kustodja tal-istess Leonvic Fenech.

[9] Affidavit tal-attriċi, fol. 258

Rat ukoll l-Artikolu 2124 tal-istess Kodiċi fejn jintqal: ***"2124. (1) Ħlief fil-każijiet imsemmijin mil-liġi, il-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri u l-interdetti."***

Illi għaldaqstant jirriżulta kjarament, illi sabiex azzjoni ta' minuri għall-manteniment tiġi preskritta bl-għeluq ta' ħames snin, jeħtieġ illi dana jkun speċifikat fil-liġi, ħaġa illi effettivament ma tirriżultax. Il-Qorti tirrileva, kif korrettement jissottometti l-abbli difensur tal-attriċi, illi l-minuri huwa parti f'din il-kawża stante illi l-attriċi taġixxi kemm f'isimha kif ukoll f'isem binha kif debitament awtorizzata. Inoltre, fil-każ odjern, il-manteniment mitlub huwa għall-imsemmi minuri u mhux għall-attriċi f'isimha propju. Stante li imkien fil-liġi ma jissemma espressament illi l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata taħt l-Artikolu 2156(b) appena ċċitat timxi kontra l-minuri, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, qed tiġi miċħuda.

Rigward l-introjtu tal-partijiet, jirriżulta illi l-konvenut preżentement, u għal dawn l-aħħar snin, jiġġestixxi s-sengħa ta' *sprayer* bħala *self-employed*.[10] Il-Qorti ma taqbilx li l-konvenut kien għal xi żmien diżokkupat u jirreġistra, bħalma huwa indikat fl-*employment history* tiegħu. Hija tal-fehma li huwa dejjem kien qiegħed jiġġenera introjtu tajjeb għalih innifsu u fil-preżent saħansitra għandu lavrant[11].

Lanqas ma temmen il-verżjoni attriċi li hija ma taħdimx bi qligħ. Huwa minnu li hija tipperċepixxi l-għajnuna soċjali[12] iżda l-Qorti hija tal-fehma li hija wkoll tagħmel xogħol bi qligħ. Tant hu hekk, li minn ċkunitu lill-minuri kienet tibagħtu *childcare*. *"Għalhekk kelli nibagħtu nursery sabiex jiena nkun nista' immur naħdem biex naqla' xi ħaġa tal-flus biex ngħajjxu billi missieru ma kien jagħtini xejn."*[13]

[10] *Employment history* tal-konvenut esebita bħala Dok. ETC1, fol. 52, mix-xhud **Brenda Vella**, rappreżentanta tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fid-9 ta' Mejju 2012.

[11] Xiehda tal-konvenut in kontro-eżami fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 217, fol. 374.

[12] Ara d-dokument DSS(x), fol. 342, esebit minn **Saviour Theuma**, rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-6 ta' Mejju 2015.

[13] Affidavit tal-attriċi, paragrafu 22, fol. 263

Kif ġja ġie kkonstatat, il-konvenut ma mantniex lil ibnu bejn Ottubru 2001 u Mejju 2011, total ta' disa' (9) snin u seba' (7) xhur jew erbgħa u tmenin (84) xahar. Tikkonsidra l-prospett tal-ispejjeż minfuqa mill-omm għall-minuri L, kif ukoll il-mezzi tal-partjiet u tqis illi s-somma mensili ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, hija somma ġusta ta' manteniment fiċ-ċirkostanzi. Illi għaldaqstant, bil-preżenti, il-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għal erbgħa u tmenin xahar u cioe s-somma komplessiva ta' sittax-il elf u tmien mitt Ewro (€16,800), rappreżentanti manteniment għall-minuri L D bejn Ottubru 2001 u Mejju 2011. Il-konvenut qiegħed jiġi ordnat ukoll iħallas is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) fis-sena għal sittax-il sena (mill-2001 sal-2017) rapprezentanti sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa (inkluż spejjeż oftalmoloġi), tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel (scawts, futboll eċċ) li għalhekk ilaħħaq l-ammont komplessiv ta' tmint'elef Ewro (8,000). <u>It-total globali li għalhekk huwa dovut bil-preżenti, mill-konvenut lill-attriċi, ilaħħaq is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€24,800).</u>

Mid-data tal-preżenti 'il quddiem, il-manteniment qiegħed jiġi awmentat għall-ammont ta' tliet mitt (€300) Ewro fix-xahar, tenut kont li l-konvenut huwa finanzjarjament iktar stabbli milli kien fil-passat, u tenut kont ukoll li l-istess ammont għandu jkopri sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jitħallas permezz ta' *standing order* favur kont bankarju tal-attriċi, li hija qed tiġi ordnata tindika, permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawża, fi żmien ġimgħa mill-preżenti. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal L sakemm huwa jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas, sakemm jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fl-għeluq tat-tmintax-il sena ta' iben il-partijiet, il-manteniment ikun imħallas direttament lil L D permezz ta' *standing* order, favur kont bankarju indikat minnu.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement:

1. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, is-somma globali ta' erbgħa u għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€24,800), rappreżentanti arretrati ta' manteniment għall-minuri L D, kif ukoll sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel, kif spegat fis-sentenza. Imgħax legali jiddekorri minn għoxrin jum mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tordna lill-konvenut sabiex mill-preżenti, iħallas lill-attriċi manteniment għal L, fl-ammont ta' tliet mitt (€300) Ewro fix-xahar, liema ammont għandu jkopri wkoll sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni ta' ibnu. Dan il-manteniment jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jitħallas permezz ta' *standing order* favur kont bankarju tal-attriċi, li hija qed tiġi ordnata , permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawża, fi żmien ġimgħa mill-preżenti. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal L sakemm dana jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas, sakemm jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fl-għeluq tat-tmintax-il sena ta' iben il-partijiet, il-manteniment ikun imħallas direttament lil L D permezz ta' *standing order* favur kont bankarju indikat minnu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.